**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 294/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jonathan Ransley )**

**-vs-**

**Ramon Abela, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 471475M,**
**u**
**Miriam Elabed, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 212793M**

**Illum:** 26 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Ramon Abela u Miriam Elabed** u ċioe talli:

1. Talli fl-10 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl u nofs il-lejl u kwart minn ġewwa Triq Manwel Dimech Sliema ikkommettew serq ta' basket kontenenti flus, dokumenti, mobile phone u ħwejjeġ oħra għad-dannu ta' Danche Todorovska u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bl-ammont li jaċċedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-ħin;
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Danche Todorovska f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Danche Todorovska jew ġabulha diżordni f'moħħha;

**Lil Miriam Elabed waħedha nakkużawha ukoll talli:**

1. Irrendiet ruħha reċidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2014, liema sentenza ġiet imġedda għall-erbgħa snin oħra mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) nhar it-18 ta' Settembru 2017 saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**Lil Ramon Abela waħdu nakkużawh ukoll talli:**

1. Irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija, tordna lill-akkużat iħallas għall-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba illi f'każ ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Marzu, 2021, permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġi ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b)(ċ)(2), 267, 270, 274(a), 277(a), 279(a), 280(2)(3), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 7, 15A, 17, 20, 23, 23B, 23Ċ, 31, 49, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Miriam Elabed waħedha**:

(i) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta'** *[recte]* **RAMON Abela waħdu:**[2]

(i) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Fol.655B-655C

[2] Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju l-imputat ġie indikat fl-artikoli dwar ir-reċidiva bħala "Roman". Żball ġenwin tant li l-imputat stess taha l-kunsens tiegħu biex il-kawża tiġi determinata minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[3]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

*L-Investigazzjoni li wasslet għall-Arrest tal-Imputati*

Jibda biex jiġi sottolinejat li fil-kors tax-xiehda tissemma *'tow bar'* li kienet tappartjeni lil vettura Mercedes in kwistjoni. Min eżami ta' din il-*part*/għoddadin mhux *tow bar* iżda ***"tow hook"*** **twil madwar 19cm bil-manku ta' tul 12cm ċirca, ta' forma interament ċilindriku.**[4]

L-**Ispettur Lydon Zammit** jixhed kif Danche Todorovska għamlet rapport l-għassa ta' Tas-Sliema, li bejn il-lejl tad-9 u l-10 ta' Mejju 2019, għal ħabta ta' 12am u 12:10am, waqt li kienet miexja fi Triq Manwel Dimech, f'Tas-Sliema, persuna maskili aggrediha biex jisraqha w saħansitra beda jsawwatha b'biċċa metall. Min-naħa tagħha, il-vittma bdiet tirreżisti sabiex ma jittieħdilhiex il-*handbag* għaliex fih kellha l-passaport. L-aggressur rnexxielu jieħu l-basket u rikeb l-istess vettura ta' lewn griż, li kien niżel minnha, fuq in-naħa tal-passiġġier tal-vettura. Danche semmiet kif tinstaq wara l-vettura l-griża kien hemm Smart sewda[5]. Danche ġiet ċertifikata minn Dr. Julian Sammut Ellis li kienet qed ssofri minn ġrieħi gravi. L-ispettur kompla jirrakkonta li l-vittma nfurmathom li kien insterqilha *"handbag iswed li fih kien hemm wallet zghir ahmar li kellha madwar €70 f'cash, mobile phone, passaport tal-Macedonia <u>kif ukoll cheque</u>."*[6].

Il-Pulizija rrikorriet fuq il-post tal-aggressjoni fejn sabu mera ta' Mercedes bil-*cover* <u>griż</u> li nġabar għall-aktar investigazzjonijiet. Ġew elevati CCTV's li kien hemm fl-akkwati, li minnhom irriżulta li l-vettura li bdiet ssemmi l-vettura kienet tat-tip Mercedes Benz C Class bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ 943. Investigazzjonijiet wrew li l-vettura kienet reġistrata fuq ċertu George Vella, li meta mitkellem mill-pulizija, spjega li kien biegħha lil ċertu Antonia Zerafa u wriehom il-kuntratt tal-bejgħ tal-vettura. Vella kompla li kien jaf li din il-vettura kienet qed <u>tagħmel użu minnha t-tifla ta' Zerafa, Miriam Elabed</u>, għaliex meta Antonia u Miriam marru jtuħ pagament, Miriam kienet qegħda

---

[3] Fol.660
[4] Dok.LZ13
[5] Fol.35-36
[6] Fol.36

ssuqha. Dakinhar hu nnota li l-*cover* tal-mera tan-naħa tax-xellug tal-vettura kien imkisser[7] u meta staqsa lil Miriam kif kisritha, ma tagħtu l-ebda tweġiba.[8] B'hekk inħareġ mandat ta' arrest kontra Elabed u wara li kienet ġiet mwaqqfa w saret tfittxija fil-vettura tagħha, instab *id card* ta' Ramon Abela.[9] Elabed ikkonfermat mal-pulizija li *"fuq dan l-inċident hi kienet flimkien ma' Ramon Abela u spjegatilna li dan gara kollox, li dan għamel kollox Ramon Abela"*[10]. Għalhekk ġie arrestat Ramon Abela fejn, wara tfittxija li saret fuq persuntu, instab li kellu ċ-*cheque* li l-vittma stqarret kien fil-*handbag*. Jingħad li għal xi ħin iċ-*cheque* ma deherx iżjed f'idejn Abela, iżda minn tfittxijiet aktar intensi, dan instab moħbi fil-qalziet ta taħt. Mir-residenza tiegħu nstabu żewġ *mobile phones* bil-*call numbers* [*recte:* [11]] 77066636 u 99719398[12]. Investigazzjonijiet mas-*service proiders* wrew li *"hin minnhom **f'nofs il-lejl u żewġ minuti tal-10 ta' Mejju 2019, il-mobile ġie maqbud Tower Road Sliema** li jinsab vicin hafna tal-post fejn sehhet din is-serqa"*[13].

Fl-istqarrija mogħtija minn Elabed,[14] din iddikjarat li *"kienet ma' Ramon fir-residenza tiegħu marret għandu bil-karozza. Ħin minnhom qalilha biex imorru jagħmlu xi haġa li hi fehmet li kienet ser tkun serqa iżda kif waslu Ta' Sliema Ramon niżel mill-vettura għax ra persuna. Xi ħin ratu jsawwat lil din il-persuna. Kif telgħa fil-karozza wara li wettaq is-serqa hi qaltlu, qaltlu għalfejn għamilt hekk, għalfejn sawwat lil din il-mara. Skond hi ma kienitx taf li kienet ser tiżvolġi f'din il-haġa ..."*. Elabed qalet li għalkemm taf li kienu sejrin fuq serqa, assumiet li din kienet għall-batteriji ta' vannijiet qodma peress li Abela kien qalilha li jisraqhom.[15] Kompliet li wara s-serqa hi baqgħet fil-karozza, u wara li telqu minn fuq il-post tad-delitt, waqfu f'post tas-Sliema fejn Abela rema' l-affarijiet li seraq. Skond Elabed, Abela ried isuq hu għaliex it-toroq kien jafhom aħjar biex ikunu jistgħu jaħarbu faċilment. Rigward l-arma, Elabed qalet li din ħariġha Abela minn basket aħdar li kellu bejn saqajh fil-vettura iżda ma tafx minn fejn ġabha jew fejn spiċċat.[16]
Jirrizulta li *res furtiva* w *corpus delicti* ma ġewx mormija f'Tas-Sliema fi *skip* f'Bormla*:*

> *"**Spettur Lydon Zammit** : Gifieri waqt li qed isuq rema l-handbag ?*
> ***Miriam Elabed** : Iva.*
> ***Spettur Lydon Zammit** : Imma l-ghodda waqaftu biex remieha ?*

---

[7] Fol..36-37
[8] Fol.37
[9] Esibita bħala **Dok.LZ8** a fol.53
[10] Fol.37-38
[11] Żball tat-*transcriber* fejn in-numru kellu jaqra 77066636
[12] **Dok.LZ7** u **Dok.LZ9**
[13] Ibid.
[14] **Dok.LZ2** a fol.45
[15] Fol.38-39
[16] Fol.39

*Miriam Elabed : Iva, ghax x'imkien ghall-isfel remieha.*
*Spettur Jonathan Ransley : Tas-Sliema ?*
*Miriam Elabed : Tas-Sliema".*[17]

Ramon Abela wkoll ġie interrogat u filwaqt li għall-bidu nnega l-involviment tiegħu fis-serqa, wara ikkonferma li kien preżenti. Qabel ma bdiet l-istqarrija tiegħu, Abela wassal lill-pulizija fuq post fl-inħawi ta' Bormla, fil-post magħruf bħala Fuq il-Verdala, fejn **indika *skip* li minnha identifika l-ħadida li ntużat kif ukoll xkora, li qal li tiegħu, li fiha nstab il-*handbag*, il-*wallet* u l-portmoni li sussegwentement ġew identifikati bħala li jappartjenu lill-vittma.**[18] Abela saħaq li għalkemm kien fuq il-post tal-aggressjoni, hu kien qed isuq filwaqt li s-serqa saret minn Elabed. Żied li kien hu li l-għada rema l-oġġetti li jappartjenu lill-vittma minħabba li kien osserva vettura li kienet qed tinstaq warajhom waqt l-aggressjoni w beża li seta' jiġi identifikat.[19] Fil-kors ta' konfront[20] li sar bejn l-imputati, it-tnejn baqgħu ssostnu il-verżjoni rispettiva tagħhom.[21]

Il-vettura li semma' Abela ġiet identifikata bħala Smart JBX707.[22] Il-vettura Mercedes Benz numru EBQ 943 ġiet esibita formalment f'dawn l-atti.[23] Ġiet esibita it-*tow hook* li Abela kien wassal lill-pulizija għaliha.[24]

**L-Ispettur Jonathan Ransley** fix-xiehda tiegħu jagħti deskrizzjoni tal-investigazzjonijiet tal-pulizija ta' Tas-Sliema wara li sar magħruf li mara mill-Maċedonja sfat aggredita w misruqa fi Triq Manwel Dimech. L-ispettur jirrakkonta li l-vittma kienet spjegat li "*kien hemm xi ħadd li ġie minn warajha, ġibdilha l-handbag, pruvat tirrezisti lil aggressur [li], beda jtiha b'xi bicca metal ta' kulur silver u* ***kaxkarha sal-karozza san-naha tal-passiggieri****"*[25].

Jibda biex jingħad li t-traskrizzjoni mhux waħda feliċi in kwantu hemm traskritt li Ransley jixhed li l-camera li qabdet il-vittma w l-aggressur inġabret minn "265 Manuel Sacro Cuor Sliema", frażi li ma tagħmilx sens kif traskritta. Indubbjament din kellha taqra **"265, '*Sacro Cuor*', Triq Manwel Dimech, Sliema**, triq li din il-Qorti hi ferm familjari magħha, tibda mix-Xatt, twasslek sal-Għassa u tibqa nieżla sal-Balluta. Dar li wieħed jista' jikkonstata li għadha hemm illum fejn daqstant ieħor għadhom hemm it-tlett turġien tal-*main*

[17] Fol.201
[18] Fol.39
[19] **Dok.LZ1** a fol.44
[20] CD bil-konfront mmarkata **Dok. LZ3** a fol.46
[21] Fol.40
[22] Ibid.
[23] **Dok.LZ15** a fol.58-59
[24] **Dok.LZ13** a fol.33. Esibit bħala parti minn **KA340/2019**; Vide fol. 497.
[25] Fol.320

*entrance* ta' St. Francis School/St. Elizabeth School, li tinsab biswit il-fond li jinqabdu mill-*Camera 16*[26] li tħares l-isfel lejn id-direzzjoni tal-Balluta!

L-ispettur ikompli li minn analiżi ta' din il-*camera,* irriżulta li fl-10 ta' Mejju bejn 12am -12:15am "*kien hemm is-Sinjura miexja fuq il-bankina tan-naħa tal-lemin direzzjoni lejn il-Balluta.* ***Gie ragel minn warajha*** *kellu beritta cara u kien liebes gakketta u ftit sekondi wara tidher karozza cara tal-ghamla* ***Mercedes minghajr*** *dwal u miexja lejn id-direzzjoni tal-vittma ukoll".*[27]Il-vittma kompliet li "*l-aggressur li ġie minn warajha qalet li zgur li kien ragel u kien twil qisu 5'8. Qalet li* ***kaxkarha sal-karozza … u beda jtiha b'oġġett tal-ħadid*** *ta' kulur silver u kienet forma ta' kanna".*[28] Minn *cctv camera* oħra, installata mal-iskola, deheru l-istess immaġini kif ukoll parti minn *number plate* tal-vettura li wera n-numru '43'. L-investigazzjoni waslet lill-pulizija biex tistabbilixxi li n-*number plate* kien jappartjeni Mercedes C Class, bin-numru EBQ 943 reġistrata fuq ċertu George Vella. Mitkellem Vella, wassal lill-pulizija għal Zerafa u Elabed bil-kumplament tax-xiehda tal-Ispettur Ransley tikkonferma dik tal-Ispettur Lydon. [29] Fl-istqarrijiet li taw iż-żewġ imputati, Elabed qalet li ma kienitx taf x'kellu f'moħħu Abela, Abela stqarr li kienet Elabed li ippjanat din is-serqa.[30]

L-Ispettur Ransley jispjega li Elabed qaltilhom illi l-affarijiet li nsterqu mill-vittma kif ukoll l-ħadida li biha ġiet aggredita, kienu ntremew il-baħar in-naħa tal-Balluta. Iżda meta ppressata għall-iktar informazzjoni ma kienitx kapaċi tidentifika l-post preċiż fejn kienu ntremew dawn l-oġġetti; **oġġetti li nstabu Bormla!!** Min-naħa tiegħu Abela, li baqa' jinsisti li ma kellux x'jaqsam mas-serqa, indika *skip* f'Bormla li fiha ntremiet il-ħadida li biha ġiet aggredita l-vittma kif ukoll il-*handbag* tagħha biċ-ċavetta tad-dar u l-*portmoni* aħmar. Din il-**ħadida kellha l-emblema tal-Mercedes.** Vella kien informah li l-Mercedes kellha *tow-hook* normalment tkun ġo *compartment* bejn is-*seats.*[31]

Kopja tal-*footage* u *stills* meħuda minnhom, ġew ukoll esibiti mill-**Ispettur Fabian Fleri**[32] li jiddeskrivi l-investigazzjoni li segwiet ir-rapport li sar mill-vittma fl-għassa ta' tas-Sliema akkumpanjata minn binha, Alexander Pavjovki.[33] Il-vittma spjegat lill-pulizija kif fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, waqt li kienet miexja fi Triq Manwel Dimech, fil-parti tan-niżla lejn il-Balluta, waqqfet vettura u **niżel persuna minn go fiha, ħatfilha l-*handbag* u peress li**

---

[26] **Dok.KC1**
[27] Ibid.
[28] Fol.320- 321
[29] Fol.321-322
[30] Fol.322-333
[31] Fol.322
[32] **Dok.FF**1 u **Dok.FF2** a fol.362
[33] Fol.503 et seq

**l-vittma baqgħet iżżomm il-*handbag*, tefagħha mal-art u beda jsawwatha b'oġġett tal-metall sakemm hi weġgħet kemm wiċċha, rasha kif ukoll idejha**. Hi kienet kostretta titlaq il-*handbag* u l-aggressur rikeb fil-karozza min-naħa tal-bieba tal-passiġġier tan-naħa ta' quddiem u l-vettura, kbira ta' lewn *silver*, saqet 'l isfel. Żiedet li wara din il-vettura kien hemm vettura oħra tal-għamla Smart sewda. Wara l-inċident il-vittma ttieħdet l-Isptar St James għal kura, u minn hemm rriferewha għal Mater Dei minħabba l-ġrieħi estensivi li Dr. Sammut Alessi ċċertifika bħala ta' natura gravi. Il-vittma spjegat li fil-*handbag* kellha *wallet* aħmar b' sebgħin (70) Ewro, *mobile phone* u passaport. Fleri jkompli li fl-10 ta' Mejju 2019, persuna anonima rritornat il-*mobile phone* ġewwa l-għassa ta' Tas-Sliema wara li dan instab fiz-zona tal-Balluta, madwar 200 metru aktar 'l isfel mill-post fejn gara l-inċident.[34] L-Ispettur ikompli jispjega li PS Kevin Curmi u PC Dale Cassar marru fuq il-post u ġabru filmati minn *CCTV Cameras*. Kien hemm li sabu w elevaw ***cover* tal-mera tan-naħa tax-xellug ta' karozza Mercedes li fuqu kien hemm traċċi ħomor**. Ittieħdu kampjuni ta' dan it-tiċpis u għaddewhom għall-analiżi tad-DNA lil Dr. Marisa Cassar. Mill-*footages* tal-akkwati rriżulta li f'xi ħin, dehret għaddejja vettura tat-tip Mercedes C Class ta' kulur *silver* bid-dawl mitfi w eżatt warajha kienet qed tinstaq Smart sewda. Mill-*footage* wasslu biex jidentifikaw il-vettura, sabu li kienet reġistrata fuq ċertu George Vella; mal-pulizija dan semma kif meta ra l-vettura tinstaq minn Elabed, din kellha l-*cover* tal-mera nieqes.[35]

Dawn il-*footages* esibiti bħala **DOK FF1** u **DOK FF2** mill-Ispettur Fleri[36] jinsabu wkoll riprodotti fi *stills* meħuda minnhom fir-rapport **Dok.KC1**.[37]

Wara li ġew arrestati l-imputati, saret tfittxija fil-vettura ta' Elabed fejn instabet il-karta ta' l-identità ta' Ramon Abela. Abela ġie arrestat u minn tfittxija nstab *cheque* li l-vittma qalet kien fil-*handbag* li nsterqilha: "*cekk mghaffeg fejn dan wara li ġie ezaminat irrizulta li c-**cekk bil-biro kien hemm isem il-mama' tiegħu**...*"[38]. Fleri kompla jispjega kif l-imputati bdew iwaħħlu f'xulxin dwar is-serqa.[39] Abela kompla jgħid li ma kienx jaf b'liema oġġett tal-metall ġiet msawwta l-vittma iżda qal li din kienet ***hook*** tal-metall li teħel ma' quddiem jew wara tal-karozza sabiex tkun tista' tiġi *towed*. Din il-ħadida ġiet imbagħad mormija flimkien ma' xi affarijiet oħra ġewwa *skip* f'Bormla liema *skip* indikaha Abela u fiha sabu borża b'ħafna affarijiet relatati mad-droga w il-ħadida li fuqha kellha

---

[34] Fol.504
[35] Fol.505-506
[36] Fol.559
[37] **Dok.KC1** a fol.561 et seq
[38] Fol.507
[39] Fol.508

l-marka tal-Mercedes. Instab ukoll *handbag* iswed, kif ukoll *wallet* aħmar u ċavetta li wara irriżulta li kienu kollha tal-vittma.[40]

L-investigazzjonijiet wrew li l-vettura Smart sewda li kienet fit-triq wara l-Mercedes, kienet qed tinstaq minn ċertu Salvatore Carnibello. Dan spjega li ma kienx f'pożizzjoni jagħraf il-persuna li ħarġet mill-karozza peress li din kienet liebsa *ball cap* u *hoodie*.[41] L-ispettur jispeċifika li b'differenza għal vetturi oħra, il-*hook* tal-ħadid tal-Mercedes normalment titpoġġa fil-*console* ta' wara l-*gear lever*, jiġifieri tkun qegħda ***"within arms reach"*** kemm tax-xufier u kemm tal-passiġġier tan-naħa ta' quddiem.[42] Fatt li kkonfermah George Vella.

**PC 965 Maverick Camilleri** jispjega li fil-15 ta' Mejju 2019, ġie mitkellem l-imputat Abela fejn informa lill-uffiċjali investigattivi li l-ħadida li ntużat waqt ir-reat ġiet mormija go *skip*. Flimkien ma xi Pulizija oħra mar ma' Abela fuq il-post fi Triq San Nikola, Bormla, fejn hemmhekk indikalhom l-*skip*. Malli fetħu l-*skip*, Abela indikalhom il-ħadida li kienet ġiet użata waqt ir-reat u din ġiet elevata. Il-ħadida kellha marka tal-Mercedes fuqha.[43] Abela informahom li flimkien mal-ħadida kien ukoll rema' xkora li ma ġenbha sabu *handbag* imqatta' li irriżulta li kien tal-vittma.[44]

**PC 1404 Dale Cassar**[45] jispjega li flimkien ma PS1337 Kevin Curmi mar fuq il-post fejn sar ir-reat fi Triq Manwel Dimech sabiex jaraw jekk hemmx xi *cameras* fit-triq. Cassar iddeskriva kif man-naħa tax-xellug tat-triq, innota *cover* ta' karozza bil-marka tal-Mercedes mpoġġi mal-ħajt u ġabru.[46] Dan ġie esibit bħala parti minn Exhibit numru **KA340/2019**.[47] Wara li analizza *footages* tal-*cameras* li ġew elevati minn dik it-triq, innota l-vettura li kienet tidher fuq il-*footage,* li tagħha niżżel *stills,*[48] kellha n-numru ta' reġistrazzjoni jidher.[49] Il-vittma spjegatlu li *"meta sar l-inċident hi kienet persuna mhux xi twil hafna pero' kellu* ***saħħa ta' raġel"***.[50] Cassar jgħid li l-vittma kienet spjegat li l-kulur tal-vettura użata mill-aggressuri kien griż, filwaqt li warajha kien hemm Smart sewda. Meta analizza l-filmati sab li tassew il-vettura li minnha nieżel l-aggressur kienet griża u warajha kien hemm Smart sewda. Altru li l-vittma kienet f'sensiha!!

---

[40] Fol.508
[41] Fol.509
[42] Fol.510
[43] **Dok.LZ13**
[44] Fol.289
[45] Fol.292 et seq
[46] Fol.293
[47] **Dok.DC1.** Vide fol. 497
[48] **Dok.LZ6** a fol.52
[49] Fol.294
[50] Ibid.

Mill-*footage* li ra Cassar irriżulta li kien jidher in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura l-griża li kien EBQ 943. [51] Ikompli li fil-15 ta' Mejju, meta ġie arrestat Abela, dan ha lill-pulizija f'post Bormla fejn indikalhom *skip* partikolari li fiha sabu l-basket tal-vittma kif ukoll "*tow bar* [recte*: tow hook*] *li titwahhal mal-karozza li ntuzat biex ta daqqiet lil vittma*"; din kellha l-arma tal-Mercedes ttimbrata fuqha.[52] Cassar ikompli jgħid li fuq il-*cover* tal-mera nnota "*li kien hemm qishom* ***tracci homor li setgħu kienu demm*** *tal-vittma jew ta' xi hadd*." Wara li ġabarha u qegħda go *evidence bag*, għaddiha lil Forensic Unit għal aktar investigazzjoni.[53] Cassar jispjega ukoll li l-vittma kienet stqarret miegħu li meta bdiet tissara mal-aggressur biex ma jieħux il-basket, hi kienet "*iddendlet mal-mera…u waqghet din il-mera minn mal-karozza*" li daħal fiha l-aggressur.[54]

**PC 643 Jesmond Delicata** jispjega li fl-14 ta' Mejju 2019, meta mar fejn toqgħod Elabed, lemaħ il-vettura tagħha w xi ħin wara raw lil Elabed tirkeb fil-karozza tat-tip Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ943 fejn twaqqfet minnhom. Raw li l-vettura kellha l-mera tan-naħa tal-passiġġier imkissra u wara li arrestawha, saret tfittxija fil-karozza tagħha fejn instabet il-karta tal-identità ta' Ramon Abela. Sussegwentement fittxew lil Ramon Abela u x'ħin saritlu *strip search,* instab ċekk li fuqu kien hemm miktub isem omm Ramon, Josephine Abela.[55] Din ix-xiehda tiġi kkoroborata minn **PC 1087 Roderick Degiorgio** li kien ma PC643 meta ġew arrestati l-imputati.[56] Iżid li c-cekk[57] li nstab fuq il-persuna ta' Abela kien maħruġ mill-istabbiliment *[recte:]* Tre Fratelli.[58]

---

[51] Fol.295
[52] Fol.296
[53] Fol.296-297
[54] Fol.297
[55] Fol.351-352
[56] Fol.354
[57] **Dok.AD6** a fol.17
[58] Fol.355

*Demm fuq mera misjuba fit-triq jaqbel mad-DNA tal-Vittma*

**WPS 293 Michelle Camilleri**[59] ħadet *swabs* minn fuq l-imsemmija mera, li ritratti tagħha jinsabu fir-rapport esibit mis-Surġent Camilleri, kif ukoll *buccal swab* tal-vittma[60]. Dawn l-*swabs* sussegwentement ġew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar fejn ikkonfermat li mill-kampjuni elevati, ħareġ profil ġenetiku ta' mara li jaqbel mal-profil ġenetiku tal-vittma Danche Todorovska.[61]

**Dr. Marisa Cassar** xehdet ukoll *viva voce.* Wara li ppreżentat r-rapport relattiv,[62] ikkonfermat dawn ir-riżultanzi. Irriżulta li **d-demm misjub fuq il-mera kien jaqbel ma dak tal-vittma Todorovska.**[63]

*Mercedes EBQ943*

**Stephen Cachia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, ikkonferma li l-vettura Mercedes ta' lewn *silver* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ 943 kienet ilha reġistrata fuq George Vella mis-7 ta' Novembru 2018.[64]

**George Vella** jixhed li l-vettura Mercedes Benz C Class biegħha lil Antonia sive Tania Zerafa[65] u meta ltaqa' magħha w ma bintħa biex isir it-*transfer*, kienet l-imputata li kienet qed isuqha. Kien anke innota li l-mera tan-naħa tax-xellug, u ċioe tan-naħa tal-passiġġier kienet mqaċċta.[66] Muri t-*tow hook* li Abela kien rema ġol-*skip* Bormla, Vella jiddentifikah bħala tal-vettura Mercedes u li kien jinżamm f'*pocket* fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura taħt is-*seat*.[67]

*Ix-Xiehda tal-Vittma*

**Danche Todonovska** tispjega li fid-9 ta' Mejju 2019 kienet miexja mid-direzzjoni tal-Għassa tal-Pulizija f' Tas-Sliema, nieżla lejn il-Balluta biex tmur għand binha. Dan jiġi korroborat mill-estratt tal-filmat, esibit f'Dok.KC1, fil-ħinijiet **00:15:43 -00:15:45** immarkat **ch16_20190510001542.mp4.**[68]

---

59 Fol.482
60 **Dok.MC1** a fol.484 et seq
61 Fol.492-493
62 **Dok.MC1** a fol.519 et seq
63 Fol.518
64 Fol.72-73. Vide *Vehicle Details Report*, **Dok.SC1** a fol.74 et seq
65 Vide kuntratt, **Dok.GV1** a fol.66 -67
66 Fol.63
67 Fol.64
68 **Dok.KC1** a fol.561 et seq

X'ħin saru madwar nofs il-lejl, kif kienet miexja fuq il-bankina fuq in-naħa tal-lemin tat-triq, ġie fuqha xi ħadd u beda jgħajjat sabiex ittih il-*handbag* li kienet qegħda żżomm fl-id il-leminija. Kif irrifjutat illi terħiħ minn idejha, l-aggressur qabad **itiha b'oġġett** li l-vittma ħassitha li setgħet tkun **oġġett tal-ħadid**.[69] Il-ġrieħi li sostniet il-vittma kienu fuq in-naħa tax-xellug ta' ġisimha, fuq idha u rasha. L-aggressur beda jiġbdilha l-*handbag* minn idha w fl-istess ħin kompla jsawwatha sabiex titlaq il-*handbag* minn idha. Huwa beda jkaxkarha lejn il-vettura li x-xhud tiddeskrivi bħala kbira u ta' lewn *silver*, sabiex jitla fin-naħa tal-passiġġier:[70] *"He was out of the ċar....and he was trying to open the door till he was pulling her in...when he was pulling her on the other side...on the passenger side and she was pulled down at that moment...she was looking at him from the bottom side of the pavement ...[as] he was trying to keep her on the pavement down [recte down on the pavement]"*. L-aggressur kien liebes beritta.[71]

Mit-traduzzjoni tax-xiehda tagħha, Danche tirreferi għall-aggressur bħala raġel fejn tasal għal din il-konklużjoni li wasslet għaliha minħabba d-dehra w il-leħen tal-aggressur kif ukoll minħabba li ma kellux sider (*"boobs"*)[72]. Dettalji li mill-ewwel jingħad japplikaw anke għal Elabed li **gidbet dwar fejn intremiet ir-*res furtiva* w il-*corpus delicti*!**

**Kif l-aggressur rnexxielu jieħu l-basket minn idha, rikeb fil-karozza w ħalliha mal-art.**[73] Wara li rnexxielha tqum, mxiet għad-dar ta' binha u ħadha l-isptar St James iżda kellha tintbagħat Mater Dei sabiex tiġi kkurata għal ksur li kellha f'idha. Jirrizulta li sofriet ġrieħi fuq rasha w fuq n-naħa tax-xellug ta' ġisimha, tant li kellha bżonn ħames punti fuq rasha u kellha xi ksur f'idejha tax-xellug.[74] Identifikat il-*handbag*[75] esibit mill-prosekuzzjoni li fih kien hemm ċavetta[76] li Danche tgħid hi tal-appartament tagħha.[77] Identifikat ukoll bħala tagħha portmoni mdaqqas u ieħor iżgħar ta' lewn aħmar,[78] filwaqt li ssemmi li fil-*handbag* kellha madwar ħamsin ewro €50 u *cheque* ta' binha.[79]

Rilevanti hu d-dettal segwenti. Iċ-*cheque* esibit bħala dak li nstab moħbi fil-qalziet ta' taħt ta' Abela, kien intestat f'isem ċertu Josephine Abela; dan hu datat it-8 ta' Mejju, 2019 u ġie *referred to drawer* nhar il-11 ta' Mejju, 2019. Danche

---

[69] Fol.20-22
[70] Fol.22-23
[71] Fol.24
[72] Ibid.
[73] Fol.25
[74] Fol.26
[75] **Dok.AD1**
[76] **Dok.AD2**
[77] Fol.27
[78] **Dok.AD3** u **Dok.AD4** a fol.27.
[79] **Dok.AD6** a fol.28

tiddikjara li sakemm iċ-*cheque* kien fuqha kien tħalla vojt. Żiedet li l-kalligrafija fuq wara tiegħu ma kienitx tagħha.[80] Fil-basket kellha ukoll il-passaport.[81] In kontro-eżami tgħid li jidrilha li l-aggressur kien liebes ġakketta w il-beritta li kienet ta' kulur *beige* jew griż ċar.[82] Fil-fatt mill-estratt tal-filmat msemmi, l-ilbies tal-predatur tagħha ma kienux skuri.

Mill-**Current Incident Report**[83] jirrizulta li Danche kienet wasslet ħdejn Fiona's Boutique [*recte:* Fiona's Outlet] fi Triq Manwel Dimech meta persuna bdiet tipprova tiġbdilha l-*handbag* minn fuqha. Hekk kif ma reħitux minn idejha, l-aggressur beda itiha b'ħadida, tefagħha mal-art u serqilha l-*handbag*: *"she was shouting at him to give her back the documents and he replied to her I am giving it back while pulling her towards the ċar while he started hitting her again…".*[84] Ir-rapport ġie kkonfermat minn **WPC251 Sally Ann Felice**[85] kif ukoll minn **PS309 Brian Xuereb**.[86].

**PS 1337 Kevin Curmi** assista lill-vittma wara li din għamlet ir-rapport l-Għassa. Meta mar fuq il-post tal-aggressjoni minn fejn ġabar filmati minn *cctv cameras* w analizza l-filmati, identifika vettura tat-tip Mercedes EBQ943 tieqaf u tiġi segwita minn vettura żgħira. Kif kien għadu fuq il-post, lemaħ *cover* ta' mera ta' vettura li kien jidher li hu ta' Mercedes bl-arma; din ġiet elevata. Fuq il-ġenb tal-*cover* kienu jidhru **traċċi ta' demm** fil-ġenb. [87]

**Keith Cutajar** ippreżenta r-rapport tiegħu[88] kontenenti numru ta' *stills* meħuda mill-filmati **DOK FF1** u **DOK FF2**[89] esibiti mill-ispettur Fleri.[90]

*L-Istqarrijiet tal-Imputati u l-Konfront ta' Bejniethom*

L-istqarrijiet awdjo-viżivi tal-imputati ġew traskritti minn Dr. Lennox Vella.[91]

[80] Fol.28-29
[81] Fol.19
[82] Fol.30
[83] **Dok.LZ5** a fol.48 et seq
[84] Fol.50
[85] Fol.471-472
[86] Fol.359
[87] Fol.513-515
[88] **Dok.KC1** a fol.561 et seq
[89] Vide xiehda a fol.361 et seq. Filmati a fol.363
[90] Fol.559
[91] **Dok.LV1** a fol.95 et seq

In linja mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, liema regola ġiet konstantement applikata mill-qrati tagħna, ko-imputat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-imputat ieħor biss wara li l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittivament deċiż.[92] Għalhekk dak li jistqarru Abela u Elabed ma jiswiex bi prova kontra tal-ieħor/l-oħra.

Minflok dan l-ezercizzju qed issir bil-għan li ssir magħrufa d-dinamika tal-aggressjoni kif ukoll tiġi kkonstatata l-kredibbilta o meno tal-imputati, biex konsegwentement il-Qorti tkun f'pożizzjoni tibni stampa ta' dak li seħħ verament fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 2019.

Abela u Elabed jammettu li kienu flimkien fil-ħin tas-serqa iżda jwaħħlu f'xulxin dwar min aggredixxa vjolentement lill-vittma, bit-tnejn li huma jinsistu li kienu qed isuqu l-vettura bil-passiġġier rispettiv ikun dak li aggrediha. Il-konsiderazzjoni tal-istqarrijiet rispettivi qed isir sabiex jintwera kemm iż-żewġ imputati, fl-isforzi tagħhom biex jitfgħu l-ħtija fuq xulxin, jidħlu f'kontradizzjonijiet u jmeru mhux biss is-sewwa magħruf u s-sens komun iżda saħansitra jikkontradixxu lilhom nfushom.

*Ramon Abela*

Għal bidu Abela jagħżel li ma jweġibx għad-domandi li bdew isirulu iżda wara jistqarr li kienet Elabed li aggrediet lil Danche filwaqt li hu kien qed isuq. Jikkonferma li ha lill-pulizija Bormla fejn go *skip* kien rema l-ħadida, il-*handbag* u l-portmoni li jappartjenu lill-vittma[93] iżda jisħaq li ma kienx identifikahom bħala tal-vittma għax setgħu kienu tat-tfajla tiegħu![94] Assolutament bla sens li għandu għalfejn jarmi ħwejjeġ t-tfajla tiegħu!

Jiċħad li ntebaħ li kienet qed tintuża ħadida,[95] anzi jgħid li raha l-ewwel darba wara li ġara l-każ u ċioe meta issa l-ħadida inġabret lura fil-vettura iżda jibqa'

[92] Vide **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani**, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tiegħu r-Rev. Karmenu Vella**, Qorti Kriminali, 3 ta' Diċembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara**, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius**, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

[93] Fol.112

[94] Fol.115

[95] Fol.132

*"Ma niftakarx fejn eżatt"!*[96] Ikompli li ħarab minn fuq il-post malli Miriam daħħlet lura fil-vettura għax kien maħsud.[97]

Jinghad mill-ewwel li hu impossibbli li ma ntebaħx bit-***tow hook*** **ta' 19cm**, meta jiddeskrivi f'dettal it-taqbida, li ġrat propju quddiem il-vettura li skond hu kienet qed tinstaq minnu fejn b'dettal jiddeskriviha bħala *"struggling"* bejn il-vittma w Elabed! Isib diffikultà jiftakar, meta fi kliemu rema kollox, *"L-affarijiet intremew, jien qbadt u armejt kollox mid-dar tieghi….. Jien naf li zbarazzajt id-dar filghaxija kien zbarazzajta d-dar…… Xi ghada hekk….. Le, zbarazzajta dak il-hin….. M'inhix cert jekk hux dakinhar armejta, xi haga hekk, ma nafx."*[98]. Kif jista' jitwemmen meta it-*tow hook* instabet mal-kumplament ta' ħwejjeġ il-vittma li lkoll ramihom hu?![99]It-taħwid jiżdied meta filwaqt li jammetti li rema l-*handbag* għax kien għadu maħsud u ma riedx jiġi identifikat, jtenni li ħaseb li l-*handbag* kien tat-tfajla tiegħu, f'liema każ allura ma kellux għalfejn jarmiħ![100] Abela jasal jammetti li kien hu li rama t-*tow hook* wara li ġie rinfaċċjat mill-investigaturi li fuqha kienu ser jinstabu l-*fingerprints* tiegħu.[101]

Eżempju ieħor hu meta għalkemm jgħid li ra b'kjarezza l-aggressjoni ta' Elabed fuq il-vittma, ma jafx jekk din irritornatx fil-vettura bit-*tow hook*.[102] L-inkonsistenzi tal-imputat jissoktaw hekk kif f'ħin jgħid li meta mar jarmi *res furtiva* u l-ħadida, kien waħdu bil-vettura ta' Elabed peress li l-imputata *"kienet imdamdma <u>d-dar</u> ghandhi bl-smack"*[103] iżda wara jgħid li <u>ma jiftakarx</u> kienitx miegħu jew le.[104] Dan meta fil-bidu tal-istqarrija tiegħu jgħid li marru jarmu l-ħadida/*tow hook* <u>flimkien</u>:

> ***Spettur Jonathan Ransley*** *: Int hadtna. Issa, naqblu li int ghidtilna li mort inti <u>flimkien</u> ma' Miriam Elabed wara s-serqa u armejtuha hemmhekk il-hadida u armejta inti u ghalhekk il-possibilta' li hemm il-fingerprints tieghek fuqa dik il-hadida ? Naqblu li hekk ghidtilna?*
> ***Ramon Abela*** *: Naqblu.*[105]

[96] Fol.133
[97] Fol.131-132
[98] Fol.140-141
[99] Fol.136
[100] Fol.139
[101] Fol.144-145
[102] Fol.264
[103] Fol.267
[104] Fol.267-268
[105] Fol.112

*Miriam Elabed*

**Miriam Elabed** ukoll tibda biex tinnega l-involviment tagħha fis-serqa: *"dwar din is-serqa ma kontx naf biha, ma kontx naf biha, ma kontx naf x'ser jigri…. Hu qalli biex immorru* <u>*naghmlu bicca xoghol*</u>[106]*……..'* <u>*Qalli trid taqla lira*</u>*?'… Jiena għax hu qalli, qalli għandu l-badge ta' pulizija u l-uniformi, qalli 'ħalli kollox f'idejja'.*[107]*"*. Qalilha dan id-diskors meta kienu għadhom Bormla w għalkemm ma kienitx taf bl-eżatt x'kellu f'moħħu, aċċettat:[108] ***"assumejt xi serqa…*** *qalli kien pulizijia ….U emmintu għax urieni l-badge"*[109]*….* ***qalli imxi Tas-Sliema qalli ha naghmel biċċa xoghol hemmhekk".***[110] Elabed tgħid li dan id-diskors intqalilha meta kienet diġà wasslet Bormla fejn marret għalih bil-vettura tagħha wara li kienet ċemplitlu minn fuq in-numru ta' ommha 99095987.[111]

Tibqa <u>ma toffri l-ebda spjegazzjoni</u> għaliex fl-ewwel lok kellha għalfejn iċċempillu w għaliex kellha issib ruħha għandu Bormla! Il-Qorti temmen li Elabed marret għalih Bormla wara li kienu ftehmu dak li kienu ser jagħmlu, serqa tas-Sliema, post iffrekwentat iżjed minn inħawi oħra f'Malta minn barranin u turisti. Elabed **kienet taf sew x'kienet ser tkun il-*"biċċa xogħol"* li minnha setgħet *"taqla lira"!!*** Kellha passat tal-istess *modus operandi, snatch and grab* wieħed wara l-ieħor. Fil-fatt hu propju mid-dikjarazzjonijiet tagħha stess li jirrizulta li kienet taf sew x'kien il-pjan, **pjan mfassal minnhom it-tnejn**. Qatt ma ħasbet li kienu sejrin jisirqu batteriji ta' vannijiet, xi ħaġa li tammetti li qatt ma ratu jagħmilha. Ma titwemminx li minn daqstant postijiet f'Malta għażlu propju lil <u>tas-Sliema</u> biex jisirqu batteriji ta' <u>vannijiet qodma</u>, w Alla jbierek, ma ġieha l-ebda suspett li dan ma kienx minnu tenut kont li ma tantx issib vannijiet qodma mitluqin ft-toroq ta' tas-Sliema.[112] Taf tħarref Elabed!

Konsiderazzjoni oħra tal-Qorti hi li meta suppost kienet '<u>taħt din l-impressjoni</u>' ma staqsietu xejn aktar lil Abela, aktar u aktar meta fi kliemha kienet ilha tafu biss għal *"xi xahrejn".*[113]. Dan jindika li **kienet taf sew** f'hiex kien jikkonsisti l-pjan dijaboliku li fasslu flimkien; hi li kienet bniet karriera minn sensiela ta' *snatch and grab*. Iktar u iktar jirriżulta li lanqas indenjat ruħha tmur għal serqa mingħajr ma tindaga l-għodda li suppost Abela ġab miegħu f'hiex kienet

[106] Fol.169
[107] Fol.172
[108] Fol.169-10
[109] Fol.173
[110] Fol.173
[111] Fol.172
[112] Fol.178-179: *"Jien hsibtu, jien hsibtu ghax peress li qalli li jaqla' l-battries …tal-vannijiet, jien hsibtu ha jaqla' xi battries….. jghid dejjem jaqla' l-battries u mbaghad imur ibieghhom ghand Cikku ezempju u jhallsu taghhom. Issa, din qatt m'ghamilha mieghi."*.
[113] Fol.169

tikkonsisti w kienitx idoneja: *"Naf li gab xi għodda u hekk*[114]*"*. Ma jitwemminx li hi, li kienet tal-mestier, ma ħaditx interess tara x'għodda ġab miegħu biex titkixxef iżjed dwar din il-biċċa xogħol li ħajjarha taqla lira minnha![115] Dak li rriżulta hu li l-**unika għodda li nstabet kienet it-*tow hook* tal-vettura tagħha,** u kif jidher mill-estratt tal-filmat fuq msemmi**, kienet qed isegwiha tul it-Triq Manwel Dimech.** Iżda dwar din il-prova aktar il-quddiem meta jiġu analizzati l-filmati esibiti:

> *"**Spettur Lydon Zammit** : X'tip ? Meta jghidlek bicca xoghol, inti x'tifhem biha ?*
> ***Miriam Elabed** : Qalli trid taqla' lira ? Hekk qallli. Ghidtlu iva….*
> ***Spettur Jonathan Ransley** : X'fhimt biha li ha taghmlu ?*
> ***Miriam Elabed** : Ma nafx. Jiena għax hu qalli, qalli għandu l-badge ta' pulizija u l-uniformi, qalli halli kollox f'idejja.*
> ***Spettur Jonathan Ransley** : Gifieri jekk nghidlek li kont taf li xi haga llegali ?*
> ***Miriam Elabed** : Jiena assumejt xi jien naf, **assumejt xi serqa**, ma kontx certa….., qalli imxi Tas-Sliema qalli ha naghmel bicca xoghol hemmhekk.*[116]*….*
> ***Spettur Jonathan Ransley** : . . . u inti x'kont minghalik se jagħmel dan. .. Ghax sa fejn ghidtilna inti kont qed tistenna bicca xoghol, u ghalik basket bl-ghodda fhimta ha jisraq xi karozza per ezempju . . .. . . jew xi dar. ….*
> ***Miriam Elabed** : Jien hsibtu, jien hsibtu għax peress li qalli li jaqla' lbattries tal-vannijiet, jien hsibtu ha jaqla' xi battries…… Kif jgħid hu, jgħid dejjem jaqla' l-battries u mbaghad imur ibieghhom ghand Cikku ezempju u jhallsu tagħhom. Issa, din qatt m'ghamilha mieghi".*[117]

Jiġi sottolinejat li f'dan l-estratt Elabed tgħid li kienet biss **assumiet** li s-serqa kienet tirrigwarda batteriji ta' vannijiet qodma. Iżda kif jiġri lill-giddieb, li għandu għomru qasir għax jitfixkel fil-fabbrikazzjoni li jkun ħoloq, Elabed tinsa dak li qalet u ftit wara tammetti li **taf** li kienu ser jisirqu batteriji: *"Qalli gab l-għodda biex jaqla' l-battries tal-vannijiet"*[118] Fil-konfront imbagħad terġa tmur lura għall-ewwel dikjarazzjoni, u cioe li hi **assumiet** li kienu sejrin jaqilgħu l-batteriji: *"Gifieri jiena kont minghalija . . . li ahna sejrin naqilghu l-battries tat-trakkijiet [**Spettur Fabian Fleri** : Hekk qallek Ramon dak il-lejl ?] ..Dak il-lejl ezatt."*[119]

Verżjoni oħra li Elabed tbiddel, hi rigward tal-ħin li rat it-*tow hook* l-ewwel darba. Aktar qabel kienet qalet li din ratha l-ewwel darba x'ħin Abela daħal lura fil-vettura, iżda lejn tmiem l-istqarrija tagħha tgħid li l-ħadida niżżilha miegħu mill-karozza:

---

[114] Fol.170
[115] Fol.191
[116] Fol.172-173
[117] Fol.178-179
[118] Fol.191
[119] Fol.224

*"**Spettur Lydon Zammit** : Le, mela ma ftehmniex. Meta waqaftu biex jagħmel is-serqa u nizel mill-karozza biex jagħmel is-serqa, hu **x'nizzel mieghu ?***
***Miriam Elabed** : Le, mhux il-basket.*
***Spettur Lydon Zammit** : Okay.*
***Miriam Elabed** : **Il-ħadida**."*[120]

Tkompli li xtraw id-droga w telgħu joħduha d-dar ta' Abela;[121] droga li nxtrat bis-€60 li sabu fil-*handbag* tal-vittma.[122]

*Konfront*

**Ma hemmx dubbju tal-involviment taż-żewġ imputati f'din is-serqa.** Dan jirrizulta ċar mill-fatt li fil-konfront jissemma dettal ieħor; dettal li jimmina l-verżjoni ta' Abela li ma kienx jaf x'ser jiġri meta għaddiet għalih Elabed Bormla.

Abela stqarr li meta Elabed marret għalih riedet li jtiha sikkina li missieru kien juża għas-sajd iżda hu ma tahiliex. Elabed tikkonferma f'dan il-konfront li taf sew għal liema sikkina Abela qed jirreferi, iżda tinnega li talbitilu minħabba li kienet tiffaċċja problemi kieku tiġi mwaqqfa *f'roadblock* biha!

B'hekk ifisser li ġaladarba minn imkien ma kienu sejrin għal xi sajda fid-dalma tal-lejl, jew biex jaqilgħu r-rizzi u l-imħar, Abela bilfors kien konxju li l-użu għaliha ma setgħax ikun għajr dak li jitwettaq il-pjan nefarju tagħhom:[123]

*"**Ramon Abela** : Qaltli biex immorru Tas-Sliema.*
***Spettur Fabian Fleri** : Ehe ?*
***Ramon Abela** : Ftit qabel talbitni sikkina . . . . . . ghidtilha ghalxiex trid is-sikkina ? … U qaltli biex naqta' l-handbags.*[124]*….. Qaltli ejja ha mmorru ngibu l-flus…..U qaltli ha mmorru ngibu l-flus."*[125]

Wara li tintalab sikkina biex jinqatgħu *handbags,* ma kellux għalfejn iħaddan dubbji dwar minn fejn kienu ser jinġabu l-flus li skond Abela semmietlu Elabed, iżda Abela joħroġ b'dikjarazzjoni assurda li ħaseb li ser imorru jġibuhom mingħand xi persuna li joqgħod tas-Sliema għalkemm jikkonferma li l-istess Elabed a qaltlu m'għand <u>min</u> ser iġibuhom u lanqas <u>minn fejn. Semmietlu biss</u> Tas-Sliema.[126]

---

[120] Fol.199
[121] Fol.232
[122] Fol.193
[123]**Dok.C** a fol.211 et seq. Fol.245-246.
[124] Fol.243-245
[125] Fol.238
[126] Fol.239-240

Ikkunsidrat ukoll,

Imiss li jiġu kkunisdrati il-provi saljenti li jagħtu stampa inekwivoka tal-irwoli tal-imputati f'dak il-lejl:

**Elabed l-aggressur** inumana, kiefra w krudili, nieqsa minn kull fibra morali w ċivili li attakkat b'tant fernezija bestjali lill-povra mara. **Abela li, kieku ma kienx għas-servizz tiegħu li jagħmilha tal-'palio', l-ispija u *getaway driver*** biex dlonk iħarrabha minn fuq il-post, forsi Danche Todorovska kienet taħrab l-esperjenza li sfreġatilha ħajjitha għall-għomorha kif jirrizulta mis-*social enquiry report*.[127]

Provi Saljenti

1. **L-Ispettur Ransley** jixhed li l-*camera* li qabdet lill-aggressur miexi wara l-vittma ġiet elevata mill-fond "*Sacro Cuor*", Triq Manwel Dimech, Sliema. Jirriżulta li fil-jum tal-10 ta' Mejju bejn 12am-12:15am tidher il-vittma *miexja fuq il-bankina tan-naħa tal-lemin direzzjoni lejn il-Balluta* segwita minn dak li jiddeskrivi bħala raġel li "***Gie ragel minn warajha kellu beritta ċara u kien liebes ġakketta** u ftit sekondi wara tidher karozza ċara tal-għamla Mercedes mingħajr dwal u miexja lejn id-direzzjoni tal-vittma ukoll*".[128]

2. Mir-rapport ta' Keith Cutajar, **Dok. KC1** u senjatament l-analizi tal-filmat, tidher triq dejqa b'bankini dojoq fuq iż-żewġt naħat tat-triq. Dan il-*footage* hu mmarkat bħala **CCTV Sliema, Camera 16**.[129]

   "Sacro Cuor" hi residenza li wieħed jista' jikkonstata li għadha hemm illum, fejn daqstant ieħor għadhom hemm it-<u>tlett turġien</u> ta biswitha li jappartjenu lil St. Francis/St. Elizabeth School, li jinqabdu mill-*camera* li tħares l-isfel lejn id-direzzjoni tal-Balluta!

3. Mill-filmati w *stills* relativi, propju kif xehed l-Ispettur Ransley, fil-ħin ta' **00:15:40 (ritratt 102**) tidher il-mara miexja fuq il-bankina b'darha lejn il-vetturi kif iddikjarat Elabed meta ddeskriviet l-ewwel darba li raw lill-mara fit-triq.

---

[127] **Dok.MA** a fol.675 et seq
[128] Fol.320
[129] Fol.563 u fol.593 tar-rapport **Dok.KC1**

Il-mara tidher b'dahra lejhom fuq il-bankina tan-naħa tal-passiġġier.[130] Fil-filmat tidher fil-*footage* mill-ħin tal-**00:15:39** iżomm il-*handbag* mal-ispalla tal-lemin tagħha. Hu fl-istess ħinijiet **00:15:43 -00:15:45** li Danche tidher qed tirranġa l-*handbag* fuq spallitha tal-lemin (on the *right arm/shoulder*).

4. Disa' (9) sekondi wara fil-**00:15:49 (ritratt 103) fl-istess direzzjoni fuq l-istess bankina, meta bejniethom ma kien hemm ebda persuna oħra,** tintlemaħ pront miexja warajha persuna liebsa beritta ċara ta' **statura li l-Qorti tiddetermina hi identika ma dik ta' Elabed u senjatament mill-miexja,** ***gait u*** **mill-qadd l-isfel (*buttocks* u *hips*).** Hekk kif il-filmat jiġi studjat b'reqqa minn distanza ravviċinata, jirriżultaw ċar u mingħajr dubbju **li jappartjenu lill-persuna femminili għalkemm *of a masculine build.***

   M'hemmx dubbju li din hi l-**statura w mixja identika għal dik ta' Elabed** li l-Qorti kellha diversi opportunita tikkonstatata b'Abela ikun *of small build* u rqiq ferm iżjed minn Elabed.

5. Hi Elabed, li malli tinduna li għandha lil Danche fil-mira, għal ftit istanti tieqaf, iżżomm pass lura, tirranġa il-piz tal-beritta biex tniżżilha fuq wiċċa w dlonk tibda ssegwiha.

   Fil-ħin **00:15:45** tidher l-ewwel minn dellha tosservaha, biex fil-**00:15:47 tibda ssegwiha b'pass meqjus biex ma tagħtix fl-għajn**. Mid-dell tagħha fil-ħin **00:15:46** hekk kif tibda timxi warajha, tidher iżomm idha ix-xellugija viċin widnejha bħal li kieku qed titkellem fuq mobile, **00:15:48-00:15:52**, ovvjament biex ma tagħtix fil-għajn. L-aggressur tibqa miexja warajha sakemm toħroġ mix-xena **00:15:58**

6. F'dik it-triq fil-**00:16:28** (ritratt 105) [131] tidher tgħaddi minn quddiem il-*camera* il-vettura **bid-dwal mitfija** - indikazzjoni li kienu *on the prowl*! Dan jixhdu l-filmat esibit fejn fil-**00:16:29**[132] tidher għadha bid-dwal mitfija. **Indikazzjoni li Abela kien jaf sew x'kien ser isehh!**

   Fil-**00:16:28** id-dwal tal-Mercedes jixgħelu w jerġaw jintfew. Jinxtgħelu aktar l-isfel kif jixhdu *stills* ta' **00:16:29-00:16:30.** L-Smart isegwiha fil-**00:16:32.**[133]

---

130 Fol.234
131 Fol.635
132 *Still* a fol.52**, Dok.LZ6**
133 Fol.636 u *Still* a fol. 52 **Dok.LZ6**

Mill-*stills* esibiti tidher il-vettura bil-pjanċi EBQ943 u żewġ sekondi wara tidher l-Smart ssegwiha fil-ħin indikat ta' 00:16:31.[134]

Propju kollox eżatt kif tiddeskrivi Danche Todorovska!

7. Irriżulta li l-aggressjoni seħħet fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura, meta l-mara kienet miexja fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Dan ifisser li Elabed tant użat forza li **kaxkritha għan-naħa l-oħra tal-vettura**, viċin il-bieba tal-passiġġier fejn tqaċċtet il-mera li spiċċat b'titjir ta' demm il-vittma fuqha.

8. Dak li serva ta' arma kien ***tow-hook*** **twil 19cm ċirca** tal-vettura li Elabed tikkonferma issuq u tagħmel użu minnha hi biss, ***"Li jiena nsuq"***.[135] Tammetti mal-Ispettur Ransley li hi biss isuqha:

> ***"Spettur Jonathan Ransley** : Din il-karozza min jaghmel uzu minnha ?*
> ***Spettur Lydon Zammit** : Min isuqha.*
> ***Miriam Elabed** : Min isuq ? Jiena.*
> ***Spettur Jonathan Ransley** : **Biss** ?*
> ***Miriam Elabed** : Jiena, **iva**."*[136]

9. Meta tixhed Danche tibda biex tirreferi għall-aggressur bħala*"**somebody** was shouting and stopping next to her 'give me the bag', 'give me the bag'"*[137] filwaqt li ma kienitx kapaċi tiddeskrivi l-vuċi *"She doesn't really know how to describe [the voice]"*.[138] Il-vittma ma kienitx kapaċi tidentifika lill-aggressur tagħha dakinhar li xehdet *viva voce* u dan peress li għaliha, kienet ċerta li raġel. Madanakollu jirrizulta mill-istess xiehda tagħha li tasal għal din l-assunzjoni għax *"The voice as well it was a man not woman and of course the person didn't have like boobs that you can see it's a woman"*[139] M'hemmx dubbju li Elabed għandha *a masculine build*, u hi **robusta** propju kif jissemma minn Carnibello meta jiddeskrivi l-aggressur *"clearly more robust than the lady"*.[140]

10. Salvatore Carnibello ukoll mhux ċert x'*gender* kien l-aggressur iżda jassumi li minħabba li kien robust iktar mill-vittma, kien raġel. Rahom meta il-mera tax-xellug intlaqtet u tqaċċtet.[141] Fil-fatt ma jistax ikun aktar

---

[134] Folder *Stills of vehicle* f' *New Folder (4)* fil-file '*CCTV Sliema*'; **Camera 16 CCTV Sliema**
[135] Fol.213
[136] Fol.196
[137] Fol.21
[138] Fol.23
[139] Fol.24
[140] Fol.81-82
[141] Fol.81-82

preċiż meta jiddeskrivi l-aggressur bħala persuna " …. ***what looked like a man*** *entered the car…I saw the back of* ***the man....this man****....clearly* ***more robust*** *than the lady".*[142] F'dak il-ħin hekk kif l-aggressur daħal fil-karozza w il-vettura nstaqet minn fuq il-post, ra li l-vettura telgħet fuq il-bankina.[143] Izid dettal dwar l-ilbies li jaqbel mad-deskrizzjoni mogħtija mill-vittma li jidher fil-*footage* ukoll: "*a kind of jacket ...a clear colour jacket and a sports hat".*[144]

11. Fl-estratt imsemmi tidher persuna ta' ***build*** **identika ma dik ta' Elabed** liebsa bħal ġakketta ħafifa jew qmis li tidher taqbeż il-*waist.*

12. PC 1404 Cassar jispjega ukoll li l-vittma kienet stqarret miegħu li meta bdiet tissara mal-aggressur - li ddeskrivitu bħala "*persuna mhux xi twil hafna pero' kellu* ***saħħa ta' ragel"***[145] **-** biex ma jieħux il-basket, hi kienet *"iddendlet mal-mera…u waqghet din il-mera minn mal-karozza"* li daħal fiha l-aggressur.[146] Fuq il-*cover* li kellha fuqha il-marka tal-Mercedes, nnota "*li kien hemm qishom tracci homor li setgħu kienu demm tal-vittma jew ta' xi hadd.*"

13. Id-demm misjub fuq il-mera kien jaqbel ma dak tal-vittma Todorovska.[147]

14. Abela kien dak li wassal lill-pulizija fuq post fl-inħawi ta' Bormla fejn indika *skip* li minnha identifika l-ħadida/*tow hook* li ntuża kif ukoll xkora li identifikaha bħala tiegħu. Fiha nstab il-*handbag*, il-*wallet* u l-portmoni li sussegwentement kollha ġew identifikati bħala li jappartjenu lill-vittma.[148]

15. Iċ-*cheque* esibit bħala dak li nstab moħbi fil-qalziet ta' taħt ta' Abela kien intestat f'isem ċertu Josephine Abela. Iċ-*cheque* hu datat it-8 ta' Mejju, 2019 u ġie *referred to drawer* nhar il-11 ta' Mejju, 2019. Danche tiddikjara li ċ-*cheque* kien tħalla vojt u li l-kalligrafija fuq wara taċ-*cheque* ma kienitx tagħha.[149]

Dan kollu jiswa bi prova li kien hemm tentattiv biex jiġi msarraf. Hu minn dan li jiġi pruvat l-aggravvju tal-valur.

---

142 Fol.81-82
143 Fol.81
144 Fol.82
145 Ibid.
146 Fol.297
147 Fol.518
148 Fol.39
149 Fol.28-29

16. George Vella jixhed li l-Mercedes Benz C Class bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ 943 kienet tagħmel użu minnha Miriam Elabed. Innota li l-*cover* tal-mera tan-naħa tax-xellug tal-vettura imkisser.[150] Minn stħarriġ ma Vella irriżulta *li t-tow-hook* normalment tkun go *compartment* bejn is-*seats*[151] fejn tinżamm f'*pocket* fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura taħt is-*seat.*[152]Fleri jispeċifika li din titpoġġa fil-*console* ta' wara l-*gear lever*, jiġifieri tkun qegħda ***"within arms reach"*** kemm tax-xufier u kemm tal-passiġġier tan-naħa ta' quddiem.[153]

17. Abela jikkonferma li juża żewġ mobiles, Nokia 997193398 u Samsung 77066636. Kif ser jintwera aktar il-quddiem, il-*geolocation* tal-mobile tiegħu numru 997193398 **tpoġġih fl-akkwati ta' fejn seħħ ir-reat**!

18. **Emilie Abela,** in rappreżentanza ta' Melita Limited esibit *call* u *sms profile*s li jinkludi ukoll *localization details* tan-numru 77066636 għal perjodu ta' bejn it-8 ta' Mejju 2019 u l-14 ta' Mejju 2019.[154] Minn **DOK EA1**[155] il-Qorti setgħet tosserva li n-numru 77066636 kien reġistrat f'isem ċertu Josephine (Joyce) Abela, għalkemm fl-istqarrija tiegħu, l-imputat Abela jikkonferma li kien qed jagħmel użu minn dan in-numru hu stess.[156]

19. **Marisa Gauci,** in rappreżentanza tal-Vodafone plc., esibit il-*call* u *sms profiles* bil-*localization data* tan-numru **99719398**.[157]

    Mid-dokumentazzjoni esibita dwar il-*locations* ta' dan il-mobile tal-imputat,[158] jirrizulta li fid-9 ta' Mejju 2019 sal-ħin ta' **21:26:01**, kien qiegħed jimmarka **Bormla_Church_B**. Fil-ħin ta' **22:57:18**, il-*localization* inbiddlet għal **Super_One_C**. Biex fil-**23:15:46** reġgħet inbidlet għal **Marsa_Dicembru_B.** Fil-hin **23:50:45** il-mobile jidher li kien fl-inħawi ta' **Qui-Si-Sana_C** biex fil-**00:02:46** tal-10 ta' Mejju 2019, immarka mas-*cell tower* **Tower_Road_A.** Ftit tal-minuti wara, u ċioe' fil-ħin ta' **00:27:22**, il-

---

150 Fol.36-37

151 Fol.322

152 Fol.64

153 Fol.510

154 Fol.347

155 Esebit a fol.349 et seq

156 Fol.155: "*Spettur Lydon Zammit : In-'Nokia', x'tiftakar, in-numru, in-'Nokia' ?*
*Ramon Abela : In-'Nokia' x'hiex ?*
*Spettur Jonathan Ransley : In-numru tiegħu.*
*Ramon Abela : In-'Nokia' nine, nine, seven, one, nine, three, three, ninety-eight (997193398).*
*Spettur Lydon Zammit : U s-'Samsung' ?*
*Ramon Abela : Seven, seven, zero, six, six, six, three, six (77066636).*"

157 Fol.306.

158 **Dok. MG1** a fol. 307 et seq

*localization* mmarkat **Msida_Avis_A,** u fil-0**0:28:56**, rreġistra li kien f'**Blata-il-Bajda_A.** Wara il-*localization* reġgħet ġiet timmarka għal **Bormla_Church_B**.

Dan juri li fil-ħin tal-aggressjoni il-mobile tal-imputat inqabad minn *cell tower* ta' Tower Road, ftit bogħod minn Triq Manwel Dimech, il-post tal-aggressjoni biex wara, l-istess bħal qabel ma beda it-traġitt ta' dik il-lejla, il-mobile irritorna Bormla fejn instabet ir-*res furtiva* flimkien mal-*corpus delicti*, l-arma tad-delitt, għodda tal-vettura ta' Elabed.

20. Min eżami tal-*call log* tal-mobile ta' Abela 99719398, esibit bhala **Dok. MG**, jirrizulta li minn fuq il-mobile ta' omm Elabed, saru *calls* fil-**19:04:44, 19:40:49** u **20:04:03**, fejn il-mobile ta' Abela jimmarka li kien Bormla.[159] Interressanti hu l-fatt li fil-ħin ta' **00:02:46** issir telefonata lil Abela minn fuq il-mobile ieħor (is-Samsung) li Abela stess jikkonferma li jappartjeni lilu għalkemm reġistrat fuq ommu.[160] Dak il-ħin is-Samsung ġie lokalizzat mis-*cell tower* Paceville Burlington.[161]Mhux biss iżda jirrizulta li Elabed kienet ilha tipprova tagħmel kuntatt ma Abela sa mill-ħin tal-**18:41**[162] kif turi l-informazzjoni esibita mill-Vodafone dwar *call attempts* li kien hemm min-numru li Elabed kienet tuża 99195987 (t'ommha) minn fejn jirrizulta tentattivi fil-**19:00; 19:12; 19:14; 19:20; 19:27:02** u **19:27:44.**[163]

21. Dan jipprova li kien hemm kuntatt kontinwu sal-ħin tal-aggressjoni fejn l-istess data turi li kienu fil-**viċinanzi** tal-post fejn seħħ l-għemil addebitat lilhom.

22. **Marilyn Attard** li ħejjiet *social inquiry report* dwar Miriam Elabed , turi tħassib għal benessere kemm tal-imputata kif ukoll dik tas-soċjetà kemm il-darba Elabed ma tibqax inkarċerata:[164] *"Il-punt li jispikka l-iktar dwar Miriam hija d-dipendenza tagħha fuq id-droga, liema problema qħadha ma ġietx indirizzata qħaliex Miriam għadha qatt ma segwiet programm residenzjali tal-ebda forma. Il- problema tad-droga lil Miriam twassalha biex tgħix ħajja ferm kaotika u tikkommetti reati meta tkun barra mill-ħabs. Fil-fatt meta kont qed insegwiha anke fil-passat, ftit sieqħat biss għamlet 'il boqħod mill-ħabs qħaliex reġqħet irrilepjsat. Għal din ir-raġuni qiegħed jinħass illi sakemm Miriam taqħmel rasha hemm u tindirizza d-droga, tindirizza l-problema tad-droga b'mod konkret, jiġifieri tagħmel programm u tipprova tibni struttura f'ħajjitha, ikun ta'*

[159] Fol.308
[160] Fol.308A. Vide konferma ta Abela a fol.155
[161] Fol.350
[162] Fol.315
[163] Fol.315A
[164] Fol.673. **Dok.MA** a fol.675 et seq.

*riskju kemm għaliha nnifisha u kif ukoll għall-komunità jekk titħalla toħroġ fil-komunità.".*[165]

Dwar il-vittma tgħid li *"din ghada trawmatizzata …tant li saret tibża toħroġ waħedha speċjalment fid-dlam.....baqgħet tħoss l-uġigħ f'idejha u rasha ġieli tuġaha"*[166].

Konkluzjoni

Minn dawn ir-riżultanzi, il-Qorti temmen li **Abela kien konsapevoli** mill-bidu nett ta' dak li kien ser jiġri meta Elabed għaddiet għalih Bormla w irħewlha lejn tas-Sliema; ovvjament għax il-pjan kien wieħed li tfassal bejniethom minn qabel**.** Għalkemm Abela jittanta jispjega li ħaseb li Elabed riedet is-sikkina biex taqta xi ċinga ta' *handbag* dan ma titwemminx dovut għall-fatt li *tow hook* u sikkina għanijiet differenti għandhom.

Kif intqal it-*tow hook* li ntuża biex tissawwat bih il-vittma hu **twil madwar 19cm bil-manku ta' tul 12cm ċirca, ta' forma interament ċilindriku**. Daqs kemm il-lejl isegwi il-jum, hu ċert li tali *tow hook* qatt ma seta' jintuża biex iqaċċat xi *handbag* jew jaqtalu ċ-ċinga, kif semma Abela iżda biex jifqa l-uċuh. Għall-kuntrarju ta' sikkina it-*tow hook* hu strument li hu **blunt fl-intir tiegħu**. Għalhekk qatt ma seta' kien il-każ li Abela ma kienx jaf x'kien iskop li Elabed toħroġ din it-*tow hook* mill-vettura meta jitqies li dan l-istrument hu ta' ċertu qies li ma jippermettix li dan qatt seta' jinħeba ġo id Elabed; *multo magis* ikkunsidrat li kien jitpoġġa *"within arm's reach"* tax-xufier, f'dan il-każ Ramon Abela fejn ċertament ma setgħax ma jarahiex ħierġa biħ!

U anke jekk ma ndunax x'kellha f'idha meta ħarġet mill-vettura, żgur li ma jistax jitwemmen li meta ra ssawwatha baqa' injar għall-fatt li kienet qed tuża xi tip ta' arma. Madanakollu ma għamel xejn biex waqqafha! Il-Qorti temmen li ma għamel xejn għaliex kien ferm konxju ta' dak li kien qed jiġri. Wara kollox fi kliemu stess, kienet hi li ftit qabel riedet sikkina fejn anke xtaqet tipprovaha *"biex tara taqtax u tara tistax taħdem biha"*[167]

Iż-żewġ imputati waqfu ħabta u sabta fi triq mudlama meta, fis-sahra tal-lejl, raw miexja waħeda mara indifensibbli. Abela waqqaf il-vettura misjuqa minnu biex Elabed setgħet tinżel u tibda l-insegwiment tal-vittma fejn użat it-*tow hook* meħuda mill-vettura li kienet tagħmel użu minnha hi **biss**:

[165] Fol.673
[166] Fol.680
[167] Fol.245

*"**Spettur Jonathan Ransley** : Din il-karozza min jaghmel uzu minnha ?*
***Spettur Lydon Zammit** : Min isuqha.*
***Miriam Elabed** : Min isuq ? Jiena.*
***Spettur Jonathan Ransley** : **Biss** ?*
***Miriam Elabed** : Jiena, **iva**."*[168]

Ta' min jinnota li mkien fl-istqarrija tiegħu Abela ma joffrix spjegazzjoni għalxiex kellu jwaqqaf il-vettura biex minnha ħarġet Elabed kemm il-darba ma kienx jaf x'ser jiġri. Mill-istqarrija tiegu fl-ebda ħin ma jagħti raġuni li għandha mis-sewwa għaliex qaltlu jwaqqfilha l-vettura w ħarġet minnha meta l-unika xena quddiemhom kienet biss dik ta' mara miexja waħedha fuq bankina!

It-tweġiba hi ovvja altru kien jaf sew x'kien ser iseħħ tant li minn ħin għal ħin kien qed isuq bi dwal mitfija; kif jixhed il-filmat minn Camera 16. Daqstant ieħor, u konxju li din ftit qabel riedet sikkina, kien jaf x'ser tuża minflok l-istess sikkina. Meta jispjega li l-aggressjoni grat quddiemu, minn imkien ma jirrizulta li pprova jwaqqafha jew iħalli l-post kif ra xena ta' tkexkix bħal dik. Bilfors għax dak kien l-iskop li marru fis-sahra tal-lejl iħufu f'toroq mudlama għall-vittma, tkun min tkun, l-aqwa li minn fuqha 'iġibu l-flus' u 'jaqilgħu lira'!

M'hemmx dubbju li bejn l-imputati kien ġa tnissel il-*common design* qabel ma ħallew Bormla. Baqa' passiv, jistenniha ssawwat bla ebda rażan jew ħniena mara innoċentement; mara li f'tebqa t'għajn saret il-priża tagħhom.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali m'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha fejn l-l-imputati qed jinstabu ħatja tas-serq aggravat bil-vjolenza. Iż-żewġ imputati kellhom **partecipazzjoni materjali** fis-serqa bi vjolenza fejn, qabel ma wasslu tas-Sliema, kien ilu li tnissel il-*common design*. *Common design* li tenut kont li Elabed talbet sikkina lil Abela, dan tal-aħħar kien jaf sew li s-serq kien ser ikun akkumpanjat b'xi tip ta' vjolenza; **vjolenza kemm minħabba li kienu armati b'ħadida – *it-tow hook* -kif ukoll b'konsegwenza tal-offiża fuq il-persuna** li ġiet ikkaġunata minnhom lil Danche Todorovska.

Dwar l-elementi biex tissussti l-parteċipazzjoni materjali il-Qorti ser tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:[169]

[168] Fol.196
[169] Per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon, Aġent President, Onor. Imħallef Abigail Lofaro, Onor Imħallef Edwina Grima; Deċiża 31 ta' Ottubru 2018; Att ta' l-Akkuza numru 27/2007

**47.** Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bħala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tiegħu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, iżda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jiġi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jiġi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[170]"

**48.** Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', iżda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, iżda għal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tiegħu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat għal fattispecje ta' dan il-kaz illi :

> **"Jekk hemm il-hsieb bejn żewġ persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-ieħor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qiegħed hemm jieħu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.**
>
> **Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.**[171]

Mhux biss iżda:

> **'Min ihajjar lil persuna oħra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu preżenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod ieħor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[172]

**49.** Illi kif inghad aktar 'il fuq huwa stabbilit illi l-appellant kien wiehed mill-imhuh wara l-ftehim li sar bejnu u l-awturi l-oħra sabiex jiġi kommess id-delitt. Kien hu li flimkien ma' Chris Scerri u James Vella fasslu pjan sabiex jisirqu il-basktijiet li fil-fehma tagħhom kienu jikkontjenu l-flus minn fuq il-persuna ta' Alphonse Ferriggi li kien jasal kmieni fil-ghodu bil-konsenja l-bank. Kien l-

---

170 App.Krim 24/05/2002; **Il-Pulizija vs Carmelo Agius et**.

171 Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - **Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**.

172 Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - **Pulizija vs Joseph Scicluna** Appell Inferjuri.

appellant li haseb biex idahhal lil Joseph Zammit sabiex jassistihom fil-kommissjoni ta' l-istess għaliex kien tal-fehma illi kien kapaċi iharrabhom wara l-kommissjoni tad-delitt billi jistenniehom b'vettura oħra sabiex ma jaghtux fil-ghajn li kienu involuti fil-kommissjoni ta' l-istess. Mhux biss iżda huwa stabbilit ukoll, kif diga` nghad, illi l-appellant kien preżenti fuq ix-xena tad-delitt sabiex jassisti b'mod dirett fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan pre-ordinat, għalkemm huwa baqa` jinnega illi kien preżenti u li spara lil Ferriggi.

**50.** L-appellant jishaq ukoll illi huwa ma kienx jaf illi l-komplici tiegħu kellhom arma tan-nar fil-pussess tagħhom, li għalkemm hija skreditata mill-provi, madanakollu anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tiegħu xorta wahda dan ma jistax awtomatikament jezonerah mir-responsabbilta` penali ghall- konsegwenzi li sehhew.

**51.** Fis-sentenzi fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**" [173] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi**" [174] għal dak li jirrigwarda kompliċita`, u l-korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-reat kien ddikjarat hekk :-

> **In materja ta' komplicita', tajjeb hawn li ssir referenza għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo[175]:**
>
> **"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[176] puts the rule in the following words: 'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita' del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita' la quale e' inerente alle qualita' ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi' qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita' connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita' medesime.'**
>
> **"....when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**
>
> **"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**
>
> **"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted**

[173] Deċiża fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallfin Raymond Pace, David Scicluna u Joseph Zammit Mc Keon.
[174] Deċiża fl-24 ta' Frar 2014 mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Michael Mallia.
[175] Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.
[176] Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result[177].**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpetration, and being able to prevent it, did not do so."**

**52.** <u>**Francesco Antolisei**</u> wkoll josserva[178] :-

**"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera' considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio' eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**L-istess awtur jirreferi għal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn ġie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita' per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."**

**53.** Fid-dawl tal-premess, jidher ċar illi **min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur** fid-delitt kommess, mhux kompliċi, għalkemm jista' ikollok il-figura tat-tnejn fl-istess persuna bħal per eżempju l-persuna li tkun iffurmat il-pjan jew ħajret lil ħaddieħor jipparteċipa fid-delitt li sussegwentement pero' <u>tipparteċipa hi wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom</u>.
[Emfazi u sottolinejar ta' din il-Qorti]

**54.** Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali allura l-figura tal-appellant tissarraf f'dik ta' ko-awtur fil-kommissjoni tad-delitt mertu ta' dana il-kaz, anke jekk l-appellant seta' ma kienx il-persuna li spara t-tir kif qed jallega. Dan għaliex jekk huwa ppruvat illi l-appellant kien konsapevoli li kienet ser tintuza arma tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, għalkemm ma jirrizultax ftehim ċar li persuna sejra tinqatel bl-arma li l-malviventi ikollhom fil-pussess tagħhom waqt l-ezekuzzjoni,

---

[177] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.
[178] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969.

xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma lejn Ferriggi.
[sottolinejar ta' din il-Qorti]

F'dan il-każ m'hemm dubbju li Abela kien jaf li ser tintuża t-*tow hook* u għalxiex, izda anke jekk għall-grazzja tal-argument – li mhux il-każ – fil-bidu ma kienx jaf x'ser tuża Elabed, meta din harġet bih mill-vettura, **ħadida ta' 19cm,** bilfors sar konsapevoli dwar l-użu li kienet ser tagħmel minnu meta jitqies li minuti qabel riedet sikkina!

Kuntrarju għall-sikkina, bit-*tow hook* ma kien hemm l-ebda ċans li dan ser jintuża biex jaqta xi ċinga, iżda biex iservi t'arma irregulari. *to hurt and injure* u xejn aktar.

Imbagħad l-artikolu 45 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

**45.** Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –
(*a*) lill-persuna li tagħmel l-att;
(*b*) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u
(*ċ*) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.

Il-Qorti temmen bi sħiħ li Abela kien jaf bil-pjan u kkonkorra fiħ flimkien ma Elabed li kienet hi li fiżikament aggredit lill-vittma. Mhux talli ma għamel xejn biex irażżan il-vjolenza fuq Danche Todorovska, vjolenza perpetrata biex jinsteraq sempliċi *handbag*, iżda baqa' jistenna sakemm irnexxilha tisraqha, tħalliha mal-art imdemmija mingħajr lanqas seba' ma refa' jew kelma ma lissen biex iwaqqafha fl-għemil tant selvaġġ u brutali tagħha.

*L-Aggravvju tal-Vjolenza*

Mill-provi jirrizulta li Danche Todorovska sofriet offiżi li jinkwadraw bħala offiżi gravi kif kontemplat bl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Ġie pruvat ukoll li intużat *tow hook* li kawża tagħha l-vittma sofriet ġrieħi konsiderevoli f'diversi partijiet ta' ġisimha, b'hekk is-serqa rat l-użu ta' arma.

Konsegwentement ġie pruvat li s-serq kien aggravvat bil-vjolenza kif kontemplat bl-artikolu 262(1)(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali.

Għalhekk jirrizulta **pruvat is-serq bl-aggravju tal-vjolenza,** kif addebitat lill-imputati.

*L-Aggravvji tal-Valur u l-Ħin*

L-imputati ġew addebitati wkoll bl-aggravvji tal-valur u tal-ħin.

Il-vittma spjegat li fil-*handbag* li insterqilha kellha *wallet* aħmar li fih kellha sebgħin (70) Ewro kontanti, *mobile phone* u passaport. Kien hemm ċekk għal 300 Euro li nstab fuq Abela, liema *cheque* nstab intestat fuq omm Abela. Ġie daqstant ieħor pruvat li kien hemm tentattiv biex dan jissarraf tant li ġie *referred to drawer.*

Għalhekk kuntrarjament għal dak li jissottomettu l-abbli difensuri tal-imputati fis-sottomissjonijiet finali tagħhom, l-aggravvju tal-valur ġie pruvat sal-grad rikjest.

In vista tal-fatt li l-aggressjoni seħħet xi ħin wara nofs il-lejl, fejn anke l-*stills* u filmati jimmanifestaw li kien dlam ċappa, ġie pruvat ukoll l-aggravvju tal-ħin.

**It-Tieni Imputazzjoni**

*Natura tal-Ġrieħi ta' Todorovska*

**Alexandar Pavlovikj**, iben il-vittma Danke Todorovska, spjega li kienu għal ħabta ta' 12:15 ta' filgħodu meta ommu daqqet il-qanpiena tal-appartament tiegħu ġewwa tas-Sliema. Mill-*camera* raha miksija bid-demm: *"...I saw her on the camera I could have see that she was covered in something and it was blood. When she came up I opened the door and she was like in pain. When I saw her she was full of blood; her face, neck, clothes and she was holding her hand. It was basically hanging because it was broken"*.[179] Ommu bdiet tgħidlu "*They attacked me. They attacked me. They attacked me. They took my bag*".[180] Kif kienu fi triqthom lejn l-isptar innota l-ġrieħi li kellha ommu, inkluż għadma li kienet ħierġa minn idejha. L-ewwel Sptar li marru kien dak ta' St James ta' Tas-Sliema, iżda minħabba n-natura u l-gravità tal-ġrieħi tagħha, l-vittma ġiet ttrasportata lejn Mater Dei. Iżid li l-għada sar ir-rapport bil-mobile t'ommu jinstab mill-pulizija u ġie ritornat lilha.[181]

**Dr. Julian Michael Sammut Alessi**[182] filwaqt li esibixxa r-rapport mediku dwar il-vittma,[183] spjega li kien eżamina lil Danche Todorovska fl-4am tal-10 ta' Mejju, 2019 meta kkonstata li kellha: "***ferita miftuha żewġ centimetri u nofs tal-***

[179] Fol.452
[180] Ibid.
[181] Fol.453-454
[182] Fol.300
[183] Esibit a fol.304

***gilda fuq quddiem tal-mohh*** *fuq il-parti xellugija, ferita oħra miftuħa centimetru tal-gilda fuq in-naħa laterali xellugija tal-mohh, brixx superficjali fuq l-ghadma xellugija u nefħa assocjata. Ferita miftuħa oħra ta' bejn 3cm u 4 tal-gilda fuq il-parti ta' wara tal-mohh iktar lejn ix-xellug."* Minn CT Scan irriżulta li *"kien hemm nefħa tal-gilda fuq il-parti xellugija tal-mohh li jidher fuq wara tal-iskutella tar-ras**, ksur tal-iskutella tar-ras u l-għadam tal-wiċċ ma jidhrux**"*. Imbagħad minn *X-ray* li sar fuq il-polz tal-id ix-xellugija, irriżulta *"**ksur ta' wieħed mill-għadam tal-polz** jissejjah ir-radius displacement...".* It-tabib jispjega li dawn il-ġrieħi ġew ċċertifikati bħala ġrieħi ta' natura **gravi**.[184] Iċ-ċertifikat mediku ġie konfermat mit-tabib Sammut Alessi.[185]

Stranament f'dan il-każ, tenut kont tal-ġrieħi diversi w serjissimi li ġarrbet il-vittma, ma saret l-ebda talba w ma tressqet l-ebda prova biex jiġi determinat jekk il-ġrieħi li sofriet Danche kienux tali li jinkwadraw taħt l-<u>artikolu 218</u> tal-Kodiċi Kriminali. Dan meta dan l-artikolu hu indikat fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali li ntbagħat bir-riżerva.

Għandhom raġun l-abbli difensuri tal-imputati meta, fis-sottomissjonijiet orali tagħhom, jirrimarkaw li l-prosekuzzjoni naqset meta ma ġabitx il-prova in sostenn tat-tieni imputazzjoni li qed tiġi allaċċata ma offiżi kif kontemplati bl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

F'an il-kuntest però ma jridx jintesa dak mgħallem bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi:**[186]

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u għalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-każ ta' guri, għalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setghet ġiet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.

F'sentenza aktar riċenti l-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet fissret li l-klassifikazzjoni tal-ġrieħi tibqa deċiżjoni li tispetta l-ġudikant:[187]

[184] Fol.301-302
[185] **Dok,JSA1** a fol.304
[186] Per Onor. Imħallef Vincent Degaetano; Deċiża 30 ta' Lulju, 2004; Appell No. 193/2003
[187] **The Police Vs Carillo Montoro Eliseo**; Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 29 ta' Marzu, 2021; Appell Nru.184/2018

> What the First Court considered is that it was still possible to prove bodily harm without reference to a medical certificate and sustained its reasoning on the strength of a judgement of this court in 'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi' of the 30th July 2014 where the Court of Criminal Appeal held that the Court can still find guilt of the offence of bodily harm without a medical certificate. In the case 'Il-Pulizija vs George Stephen Zahra' decided by Mr Justice De Gaetano on the 18th June 2001 (Court of Criminal Appeal) it was held that:
>
> *'Mill-banda l-oħra mhux korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe' li mingħajr ċertifikati mediċi ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li tkun saret offiża fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, tali ċertifikati jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk l-offiża hix waħda gravi jew gravissima, jew addirutura jekk hemmx offiża (ħafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn iċ-ċertifikati m'humiex f'kull każ assolutament meħtieġa: il-prova tal-offiża u tan-natura ta' tali offiża tista', f'ċerti każijiet, issir anke permezz tad-depożizzjoni jew depożizzjonijiet ta' persuni li mhux tobba jew paramediċi.'*

Mill-provi miġjuba w magħdud ma' ġurisprudenza assodata – fejn hu mgħallem li Qorti ma tinħtieġ l-ebda opinjoni t'espert mediku jekk tista' tiddetermina hi, sal-grad rikjest, in-natura tal-offiża – fil-każ in deżamina mingħajr l-opinjoni t'espert mediku, il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk tissussistix xi ċirkostanza bħal ma jissemma fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

M'hemmx dubbju iżda, li l-ġrieħi jinkwadraw fl-**artikolu 216** tal-Kodiċi tenut kont tal-fatt li, mhux biss irriżulta li l-vittma sofriet diversi ksur, iżda ġie muri wkoll kif din sofriet ferita fuq il-moħħ liema ferita tikkostitwixxi l-isfreġju.

Filwaqt li terġa ssir referenza għad-deċiżjoni fuq ċitata,[188] il-Qorti tal-Appell diversament preseduta għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Bernard Briffa u Stephen Catania**[189]

> ….. mhux kull lacerazzjoni fil-wiċċ tista` titqies bħala tali li twassal ghal fregju. Lanqas ma nistghu nghidu li kull marka fil-wiċċ hija sfregju…..
>
> Illi l-appellanti iressaq lanjanza oħra sussidjarja ghal dik marbuta mal-apprezzament tal-provi meta jilmenta illi ma hemmx prova illi l-ġrieħi sofferti mill-parti leza kienu ġrieħi gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) billi ma giex ippruvat illi l-lacerazzjoni li soffrew f'wicchom hallielhom marka permanenti. Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid ix-xhieda tat-tobba u konsulenti li kienu involuti fil-kura li ircevew iz-zghazagh taljani wara l-agressjoni subita minnhom. Fost id-diversi ġrieħi li sofrew jidher illi kien hemm lacerazzjonijiet fil-wiċċ li kien jenhtiegilhom il-punti. Issa l-appellanti jikkontendi illi ma hemmx provi fl-atti li jindika illi il-lacerazzjonijiet subiti hallew xi marka permanenti fil-wiċċ konsistenti fi sfregju biex b'hekk qed ifixkel dak li huwa sfregju fil-wiċċ mal-mankament fil-wiċċ u ukoll il-klassifikazzjoni tal-gravita tal-ferita subita. Dan għaliex "***l-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija***

[188] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi;** Per Onor. Imħallef Vincent Degaetano; Deċ. 30 ta' Lulju, 2004; Appell Nru. 193/2003

[189] Qorti tal-Appell Kriminali. Per Onor. Imħallef Edwina Grima , 31/05/2017; Appell Nru. 195/2016

***disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali.***[190]" Fuq kollox l-"***sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin***[191] ***."*** Inghad ukoll illi "***Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici***[192]***."***

Dik l-istess Qorti, diversament preseduta, għamlet eżami *funditus* dwar in-natura ta' offiżi gravi ai termini tal-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[193]

17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wiċċ, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wiċċ, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

**B'mankament ... fil-wiċċ, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox**

---

190 **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** – App. Inf 05/02/1998

191 **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** – App.Inf. 12/09/1996

192 **Il-Pulizija vs Emily Zarb** – App.Inf. 15/02/1958

193 Per Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D; Appell Nru. 496/2015. Deċiża 30 ta' Settembru 2019

**jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wiċċ.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wiċċ huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u għall-idejn. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wiċċ, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi oħra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijiet oħra, l-isregju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wiċċ, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. <u>F'każ ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima</u>. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti oħra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wiċċ, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Għalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

F'dan il-każ, għalkemm hu bil-wisq probabbli li l-vittma sofriet offiżi kontemplati bl-artikolu 218 tal-Kodiċi, u cioe li l-offiżi ġabu debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew wasslu għal difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem jew għal sfreġju gravi u permanenti, sfortunatament dan ma ġiex pruvat sal-grad ta' prova rikjest.

Konsegwentement l-imputati qed jinstabu ħatja limitatament tar-reat/i kontemplat bl-artikolu 216(1)(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali.

Minkejja li l-ewwel imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ippruvata, il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tirrimarkax kif f'dan il-każ ma ttieħdux impronti diġitali jew kampjuni, biex issiru eżamijiet tad-DNA, mill-vettura li setgħu jiddeterminaw minn effettivament kien qed isuq il-vettura biex issib korroborazzjoni xi verżjoni jew oħra. Lanqas ma jirrizulta li saret tfittxija fir-residenza ta' Elabed bil-għan li jinstabu l-ħwejjeġ li 'l-aggressur' dehret bihom fil-filmat; tfittxija saret biss għand Abela. Lanqas ritratti ma hemm tal-ġrieħi li ġarrbet il-vittma w dan meta l-prosekuzzjoni għażlet li ma titlobx għall-ħatra ta espert mediku biex jirrelata dwar il-ġrieħi tagħha.

Kellha tkun il-qorti li teżamina l-oġġetti esibiti għax ritratt wieħed li hu wieħed, anke kif dawn instabu fl-*skip,* ma hemmx. Kull parti tal-proċess investigattiv hu meħtieġ li jiġi dokumentat, kull biċċa evidenza fotografata w eżaminata b'mod eżawrjenti, u ma jitħalla xejn għax-xorti!

**L-addebitu tar-Reċidiva**

L-**Ispettur Fabian Fleri**[194] esibixxa sensiela ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputati.

*Miriam Elabed*

Fil-konfront ta' Miriam Elabed ġiet preżentata sentenza mogħtija nhar is-27 ta' Ġunju 2014[195], permezz ta' liema sentenza l-imputata nstabet ħatja *inter alia* dwar numru ta' imputazzjonijiet ta' serq u sekwestru ta' persuna, u ngħatat piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Sentenza oħra mogħtija nhar it-18 ta' Settembru 2017 kontra Elabed turi kif din ġiet ikkundannata għal sentejn priġunerija wara li nstabet ħatja ta' diversi imputazzjonijiet ta' serq kif ukoll li wettqet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.[196] Kien b'din l-aħħar sentenza li l-perjodu operattiv tas-sentenza enunċjata fl-2014 ġie estiż għall-erba' snin oħra.

Għalhekk ġaladarba Elabed qed tinstab ħtija dwar l-imputazzjonijiet odjerni, konsegwentement l-imputata għandha tinstab ħatja li wettqet reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, hekk kif ġiet estiża b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2017 mill-Onor. Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.[197]

[194] Fol. 456
[195] **Dok.FF1** a fol. 458 et seq
[196] **Dok.FF2** a fol.463 et seq
[197] **Dok.FF2** a fol.463 et seq

Konsegwentement is-sentenza oriġinarjament mogħtija mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli fis-27 ta' Ġunju, 2014, u ċioe dik ta' sentejn priġunerija, kif estiża mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fit-18 ta' Settembru, 2017, qed tiddaħħal fis-seħħ.

*Ramon Abela*

Fir-rigward ta' Ramon Abela ġiet esibita sentenza datata l-20 ta' Novembru 2009 li permezz tagħha l-imputat instab ħati dwar pussess ta' droga w ngħata sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiża għal sentejn.[198]

Għalhekk jirrizulta li Elabed hi reċidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li Abela hu reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset is-serjetà tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab ħtija, tal-brutalita` u kefrija li wrew l-imputati meta immassakraw mara li indubbjament, u kif tiddikjara l-Uffiċjal tal-Probation, ser tibqa sfreġjata psikoloġikament għall-għomorha.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fedina penali tal-imputati fejn dik ta' Elabed toħloq preokkupazzjoni kbira għal Qorti. Kif mtenni mill-uffiċjal tal-probation:

> *"Miriam ingħatat diversi opportunitajiet mill-qorti sabiex tirriforma ruħha permezz ta' sentenza li tinvolvi alternattiva għall-ħabs iżda hija qatt ma għarfet tisfruttahom għaliex kemm il-darba kissrithom b'hekk daħħlet il-ħabs diversi drabi. ....Minkejja li għanda problema bid-droga xorta waħda ma tridx tmur programm".*[199]

Ma setgħax ma jitqiesx ukoll kif tul dawn il-proċeduri l-imputati ma wrew lanqas farka ta' rimors għal għemilhom. Dan jixhed il-karattru tal-imputati; persuni bla qalb, għeri minn kull umanita` w ċ-ċivilta`. Hu ovvju li dawn it-tnejn ma humiex denji jew intitolati jitħallew jiċċirkolaw fil-komunità qabel ma jitgħallmu jirrispettaw il-ligijiet tal-pajjiż, u dan bil-għan li l-membri tal-istess s-soċjetà li għaliha huma minaċċja reali tkun tista' tgħix bla biża minn dawn il-predaturi fejn kull membru tagħha habta w sabta jista' jisfa vittma w priża.

Fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet jeżisti l-konkors formali peress li bħala wieħed mill-aggravji tas-serq hemm dak tal-vjolenza, u ċioe` l-offiża gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant tapplika l-

[198] **Dok.FF3** a fol.468 et seq
[199] Fol.689

piena l-aktar severa, dik għas-serq akkumpanjat *inter alia* bil-vjolenza kif ravviżat bl-artikolu 274(b) li jipprovdi għall-piena ta' priġunerija ta bejn it-tlieta (3) u d-disa' snin.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li għalkemm mhux reċidiv, Abela mhux xi *first-time offender.* Għall-kuntarju Miriam Elabed qed tinstab li hi reċidiva ai termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, fejn il-piena erogabbli tista' tiżdied minn grad sa tliet gradi, piena li skond l-artikolu 277(a) tal-Kodiċi, li japplika anke għal Abela, ma għandhiex tingħata fil-*minimum.*

Finalment ma jistax ma ssirx riferenza għall-osservazzjonijiet eruditi magħmulha f'numru ta' sentenzi dwar dak li għandu jkun l-iskop tal-piena.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kunsidrat: [200]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[201]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[202]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

---

[200] Per Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008
[201] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.
[202] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.

L-iskop tal-piena w kif din għandha tiġi bilanċjata mal-interessi tal-imputat ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana Mark Dimech … omissis …. .**

Dik il-Qorti wara li ċitat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006, tenniet:[203]

> M'hemmx dubju illi l-appellant inghata bosta opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, inkluz conditional discharge ghal sitt darbiet, probation ghal hames darbiet u sentenza sospiza ghal tliet darbiet u darba giet estiza. Ghalhekk il-fatt li kellu 22 sena meta wettaq ir-reati in kwistjoni mhix xi raguni biex ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghad irid ikompli jizviluppa l-kapacita` li jghix fis-socjeta` minghajr ma jkun ta' minaccja ghal dik is-socjeta`

Konsiderazzjonijiet li indubbjament jgħoddu għall-imputati odjerni w partikularment fil-konfront ta' Elabed.

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[204]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reati simili mwettqa b'tant ħażen w inumanita`, jħallu fuq il-membri tas-soċjetà; soċjetà li trid tiġi protetta minn predaturi bħalhom u dan billi l-istess imputati jiġu inkarċerati bil-għan li dan iż-żmien tal-inkarċerazzjoni iservi għar-riabilitazzjoni tagħhom.

---

[203] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007; Appell Kriminali Numru. 166/2006

[204] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiza fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat Ramon Abela mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali,

(a) fil-konfront tal-imputati **Ramon Abela u Miriam Elabed** wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 45, 49, 64(2), 214, 216(1)(a)(b), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270, 274(b), 277(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) fil-konfront ta' **Miriam Elabed** waħedha wara li rat ukoll l-artikoli 28A, 28B, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali,

issib l-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u tikkundanna lil Ramon Abela għall-**ħames (5) snin** priġunerija u lil Miriam Elabed għal **tmien (8) snin** priġunerija.

Inoltre` l-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed tordna illi s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputata nhar is-27 ta' Ġunju 2014,[205] kif estiża għall-erba' snin oħra b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2017[206], tiġi fis-seħħ stante illi r-reati li dwarhom qed tinstab ħatja l-imputata, ġew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

Għalhekk b'kollox l-imputata Elabed qed tingħata piena komplessiva ta' **għaxar (10) snin** priġunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-imputati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jibdew jindirizzaw il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, bħala kumpens lill-vittma Danche Todorovska għal offiżi lilha kawżati u reati li ġarrbet, Elabed għanda tikkumpensaha fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000), filwaqt li Abela qed jiġi ordnat jikkumpensaha fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000).

---

[205] **Dok.FF1** a fol. 458 et seq

[206] **Dok.FF2** a fol.463 et seq

Din  l-ordni għandha l-istess forza w effett, u hija esegwibbli bl-istess mod, bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza, Danche Todorovska.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputati jħallsu kull wieħed l-ammont ta **€397.71c** rappreżentanti nofs l-spejjez peritali.

**Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**